## LIL SIDNA ĠESÙ KRISTU, FEDDEJ TAGĦNA FUQ L-ARTAL IMQADDES

*"In Cruce latebat sola Deitas,*
*at hic latet simul et humanitas"*
INNU TA' S TUMAS

*Sufficit sola fides!* Nemmen iva,
Nemmen mingħajr ma nifhem, ja Mulej,
Li taħt is-sura ta' da l-Ħobż Imqaddes
Jinsab l-Għażiż Feddej.

*O Salutaris Hostia!* Inżilt mis-sema
Biex tgħammar f'nofsna f'dan il-wied tad-dmugħ,
Int dak il-Ħobż li kull min jiekol minnu
La jmut, la jieħdu ġuħ.

*O Salutaris Hostia!* Fik jinsabu
Sustanza waħda taħt iż-żewġ għamliet;
Fik jinsab Alla, u fik jinsab il-Bniedem
Li, biex jifdina, miet.

*O Salutaris Hostia!* Malakija,
Megħjun minn Ruħ-il-Qodos, qal ma hemmx
Art fejn ma tingħatax, minn dħul il-għodwa
Sa meta tgħib ix-xemx.

*Ħaruf bla Tebgħa,* fuq il-għuda kiefra
Xi mħabba kbira lejn Adam urejt!
Għamiltna ħutek, b'demmek fdejt id-dinja,
Dnubietna ħfirt u nsejt!

Lilek in-nifsek tajt b'tifkira tiegħek,
Ħfirtilna, għallimtna naħfru, wrejtna t-trieq,
Li twassal fejn il-ferħ u l-hena jsaltnu,
Mhux dlam, u hemm, u lfiq.

**Nisrani**

# ID-DRAWWIET IL-ĦŻIENA

MINN ALF. NICHOLAS

I.

Il-lejl kien daħal ġmielu, iżda f'waħda mill-vilel tal-għonja li jkattru s-sbuħija ta' xtut ix-xmara Nil u li huma mxerrda ma' tul il-"Geżira", fil-Kajr, kien għadu jidher dawl qawwi f'kamra ta' fuq.

Dik il-kamra kienet l-istudju ta' Osman Baxa X....wieħed mill-akbar ħakkiema li qatt kellu l-Eġittu.

Mixħut fuq pultruna baxxa, b'ħarsa li minnha kien donnu ħiereġ in-nar, il-Baxa kien jidher li jinsab f'dagħdigħa kbira.

Wieqfa ftit il hinn minnu, b'ħarsitha miksura, kien hemm xbejba ta' xi għoxrin sena.

—"Aħfirlu, papà, għal din id-darba wkoll"—qalet b'leħen ta' talba.

—"Le! u n-Nabi; il-lum sa tkun l-aħħar darba li ħuk imidd riġlu f'dari."

—"Ħalim għadu żagħżugħ ħafna; dak li ħassru kienet il-ġemgħa ħbieb li qabad jagħmilha magħhom da l-aħħar. Nagħtik kelmti li jien inġagħlu jisma' darba għal dejjem il-kelma tiegħek u ma jiddawwarx barra aktar."

Il-Baxa qam bil-għaġla, resaq lejn ix-xbejba u qalilha b'leħen żorr:

—"Mur, għax il-ħin daħal ġmielu."

—"Papà!"

—"Isma' kliemi!"

B'rasha mixħuta lejn l-art u bid-dmugħ f'għajnejha, Gamila—hekk kien jisimha x-xbejba—bieset id missierha bħal m'huma mdorrija l-Misilmin ta' torbija tajba, u ħarġet bil-qajl minn quddiemu.

Osman Baxa nefaħ nefħa qawwija, beda jimxi minn tarf għal l-ieħor tal-kamra, daqqa jieqaf, oħra jħares il barra mit-tieqa u dlonk igerger minn taħt il-lsien.

"Mur obsor x'kellu jkun għażlu dak it-tifel li fih mort inqiegħed it-tama tiegħi kollha; it-tama li għad jiġi jum u narah f'qagħda għolja fil-ħakma ta' pajjiżna: sew bħalma kont jien, sew bħalma kien missieri, u sew bħalma kienu niesna ta' qabilna. Iżda t-torbija tajba tal-Mislem il-lum ma